MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1380/1999/1

Kawza fil-lista: 37

**A B**
**Vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress li fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju, 1995 gie celebrat iz-zwieg bejn il-kontendenti (dok. A) liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku permezz tal-Att bin-numru ta' iskrizzjoni ta'

U peress li minn dan iz-zwieg il-partijiet baqghu improle;

U peress ukoll li l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

U peress li l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat minhabba inkapacita li jassumi id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg;

U peress ukoll li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew iktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

U dana kollu kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

U peress li ghalhekk, iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-22 ta' Lulju, 1995 huwa null u bla effett a tenur tal-artikolu dsatax (19) sub-incizi (1) sub paragrafi (d) u (f) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta);

Jghid il-konvenut il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-22 ta' Lulju 1995 huwa null u bla effett u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-att taz-zwieg li kopja tieghu hi hawn annessa (Dok. A);

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi z-zwieg huwa null pero' mhux minhabba dak indikat mill-attrici izda minhabba fatti attribwibbli lill-attrici stante li l-kunsens taghha kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmiritijiet essenzjali taghha;

2. Illi di piu l-attrici ma kellha l-ebda intenzjoni li taghmel miz-zwieg taghha mal-konvenut rabta ghal dejjem, tant li mmedjatament wara li l-konvenut hareg barra mid-dar matrimonjali, l-attrici dahhlet ragel iehor jghix maghha, liema ragel ghadu jikkoabita mal-attrici sallum;

3. Illi l-konvenut ghandu id-dubbju tieghu jekk l-attrici martu verament habbitux;

4. Illi fil-fatt l-attrici qatt ma kienet tistma lill-konvenut kif mistenni bejn iz-zewg mizzewgin u kienet biss mohha fil-flus tant li l-attrici kienet tahdem sieghat twal bis-Sibt b' kollox u kienet ukoll titlob lill-konvenut zewgha jahdem aktar biex jaqla' aktar flus;

5. Illi kien appuntu ghalhekk li l-konvenut kien ibiddel xi xogholijiet u dan sabiex javvanza biex jaqla' aktar paga;

6. Illi inoltre, l-attrici kienet saret paranojka tant li mhux l-ewwel darba li ddikjarat li kienet tircievi telefonati anonimi, li ma kienetx qed thossha protetta fid-dar taghhom, li ma kienetx ppreparata tbiddel l-'lifestyle' taghha biex jkollha tarbija jew di piu, li d-dar ma kienetx bizzejjed nadifa.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Sandra Sladden minnha debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kkuntrattat mal-konvenut fit-22 ta' Lulju 1995 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali jinsab vizzjat f'

dak kontemplat fil-paragrafi [d] u [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255 ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut li minn naha tieghu qabel ma' l-ewwel parti tat-talba attrici, izda sostna li n-nullita' hija attribwibbli lill-istess attrici.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fid-data fuq indikata wara gherusija ta' circa 9 snin; u sseparaw f' Ottubru tas-sena 1998 wara konvivenza turbolenti. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi din il-Qorti wara ezami akkurat tal-provi migjuba hija tal-fehma li l-konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet raggjunti mill-abbli perit legali huma gustifikati u korretti, u l-Qorti qed taddottahom fl-intier taghhom b' mod li jghamlu parti integrali minn dan il-gudizzju.

Il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta car li l-partijiet kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin ghal zmien twil qabel ma zzewwgu, u ghalhekk hija valida l-prezunzjoni li dawna kienu jafau lil xulxin sew u kienu ben konsapevoli tan-nuqqasijiet reciproci;  izda stante li l-partijiet kienu jhobbu lil xulxin, bil-mod taghhom, huma ddecidew li jizzewwgu, kif fil-fatt ghamlu fit-22 ta' Lulju 1995.

Izda l-komportament tal-konvenut wara z-zwieg jidher li baqa' l-istess, u jirrizulta wkoll li anki fil-psiki tieghu huwa ma hassx li wara z-zwieg kellu jikkomporta ruhhu diversament, u anke jekk hemm bzonn jirrinunzja ghal kappricci li kellu qabel, u dan sabiex jerfa' r-responsabilitajiet tal-hajja matrimonjali, kemm bhala ragel mizzewweg kif ukoll bhala missier prospettiv.  Dan in-nuqqas da parti tal-konvenut kien kagun ta' hafna litigji u sens ta' dwejjeq fil-koppja, li mill-bidu nett taz-zwieg kellha thabbat wiccca ma' diversi problemi li eventwalment wasslu ghat-tifrik taz-zwieg wara tlett snin ta' konvivenza.

In propositu l-Qorti tosserva li l-attrici wriet determinazzjoni u perseveranza sabiex issalva z-zwieg taghha mal-konvenut billi kienet tipprova tikkuntentah, sa tal-punt li kienet accettat li l-konvenut igib go darhom ta' spiss habiba tax-xoghol tieghu. L-attrici kienet ghamlet hekk bi speranza li l-konvenut ikun kuntent u ssalva z-

zwieg; izda l-fatti sussegwenti ma tawhiex ragun, ghax wara ftit il-konvenut kien qallha kategorikament li huwa ried jssepara minn maghha akkost ta' kollox, u di fatti gurnata minnhom qabad u telaq mid-dar u beda, jew ahjar kompla u ssoda, r-relazzjoni tieghu ma' din it-terza persuna.

Hija opportuna l-osservazzjoni li z-zwieg huwa bejn tnejn u mhux bejn tlieta; u ghalhekk l-involviment jew intromissjoni anke apparentament passiva ta' terza persuna, isservi biss, kif juri dan il-kaz, sabiex tkisser jew tkompli tkisser ir-relazzjoni bejn il-konjugi. Il-Qorti tosserva ulterjorment li l-komportament tal-konvenut f' dan iz-zwieg kien wiehed egocentriku ghall-ahhar u kien egoist b' mod li ma setax jgharaf, ghax ma kien matur bizzejjed, li l-iskop ta' zwieg mhuwiex li wiehed mill-konjugi jissodisfa d-derisideri u x-xewqat tieghu, izda sabiex iz-zewg konjugi jghixu bhala entita' wahda u jibnu hajja flimkien diretta ghall-konvivenza bazata fuq il-benessere reciproku, prokreazzjoni ta' l-ulied u trobbija ta' l-istess. Il-provi juru bic-car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu il-konvenut ma kienx kapaci jifhem x' kienet tirrikjedi minnu din it-tip ta' hajja li dahal ghaliha, u cioe' il-hajja matrimonjali bl-obbligazzjonijiet u bis-sagrifizzji kollha li dina tirrikjedi.

In subjecta materia jinsab ritenut li l-immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni "non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di ceio che comporta l-matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne' infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l' uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento[1] ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena *[Pompedda – Il Consenso Matrimoniale, u awturi ohrjan citati fil-kawza PA Nicholas Agius vs Rita Agius deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza*

[1] Sottolinear ta' din il-Qorti

*<u>App.C Caroline Grech vs Ian Borg</u> deciza fis-27 ta' Jannar <u>2006</u>, [2006]supra].*

F' dan il-kaz il-konvenut kien nieqes minn dak id-dixxerniment fuq il-hajja konjugali, li jwassal ghall-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali. Il-provi juru li huwa kien priv b' mod sostanzjali minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, liema nuqqas iwassal ghall-ezistenza tal-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-Artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti tqis it-talba attrici gustrifikata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi milqugha in bazi ghall-Artikolu 19[1][d] tal-kapl255

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa adozzjoni tar-relazzjoni tal-perit legali, tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-22 ta' Lulju 1995, u tordna d-debita annotazzjoni fl-att taz-zwieg relattiv.  L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------